

Rikors ippreżentat fit-2 ta' Jannar 2008 — Landesanstalt für Medien Nordrhein-Westfalen vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-2/08)

(2008/C 64/86)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Landesanstalt für Medien Nordrhein-Westfalen (LfM) (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Rosenfeld u G.-B. Lehr)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 5109 finali tat-23 ta' Ottubru 2007, dwar l-ghajjnuna mill-Istat li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandha l-intenzjoni li tagħti għall-introduzzjoni tat-televiżjoni diġitali terrestri (DVB-T) fil-Land ta' Nordrhein-Westfalen;
- tikkundanna lill-Kummissjoni tbat i-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti tikkontesta d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 5109 finali tat-23 ta' Ottubru 2007, dwar l-ghajjnuna mill-Istat C 34/2006 (ex N 29/2005 u ex CP 13/2004), li fiha l-Kummissjoni ddeċidiet li l-ghajjnuna mill-Istat li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandha l-intenzjoni li tagħti lix-xandara privati fil-kuntest ta' l-introduzzjoni tat-televiżjoni diġitali terrestri fil-Land ta' Nordrhein-Westfalen u li ġiet innotifikata lill-Kummissjoni, mhijiex kompatibbli mas-suq komuni.

In sostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti l-ewwel nett issostni li d-deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikolu 87(1) KE billi l-miżura ġiet ikklassifikata b'mod żbaljat bħala ghajjnuna mill-Istat. F'dan il-kuntest, hija tqajjem ukoll il-ksur ta' l-Artikolu 253 KE.

Minbarra dan, ir-rikorrenti sstostni li ġiet użata skema illegali ta' analiżi fil-kuntest ta' l-eżami li sar skond l-Artikolu 87(3)(ċ) KE. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti invokat ukoll żbalji ta' evalwazzjoni u abbuż ta' poter, kif ukoll ksur ta' l-Artikolu 253 KE.

Ir-rikorrenti sstostni wkoll li l-Artikolu 87(3)(b) u (ċ) KE ġie miksur ukoll minħabba żbalji ta' evalwazzjoni u ta' abbuż ta' poter.

Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti sstostni li, fi kwalunkwe każ, il-miżura kkonċernata taqa' taħt l-eżenzjoni settorjali prevista mill-Artikolu 86(2) KE. Fuq dan il-punt, ġie allegat ukoll ksur ta' l-Artikolu 253 KE.

Rikors ippreżentat fit-2 ta' Jannar 2008 — Coedo Suárez vs Il-Kunsill

(Kawża T-3/08)

(2008/C 64/87)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Angel Coedo Suárez (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Rodriguez u C. Bernard-Glanz, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

Talbiet tar-rikorrent

- tiddikjara dan ir-rikors ammissibbli;
- tannulla d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2007 safejn tirrifjuta li tagħti lir-rikorrent l-aċċess mitlub għal diversi dokumenti tal-Kunsill relattivi u konsekuttivi għal inċident li seħħ bejn ir-rikorrent u waħda mill-kollegi tiegħu fid-19 ta' Frar 2004 (minuti ta' laqgħat interni, konklużjonijiet ta' investigazzjoni u rapport tas-servizz ta' sigurtà);
- tikkundanna l-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

B'dan ir-rikors, ir-rikorrent jitlob l-annullament tad-deċiżjoni tat-30 ta' Ottubru 2007, adottata mid-DĠ F tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, li tiċħad it-talba konfermattiva tiegħu għall-aċċess għal dokumenti relattivi għal inċident li seħħ bejn ir-rikorrent u waħda mill-kollegi tiegħu.